6 ta' Ġunju, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Zarb *versus* Arthur Gatt et. (*)

**Assikurazzjoni — Kolliżjoni — Danni — "Third Party Risks" — Kjamata fil-Kawża — Art. 10 ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939.**

*Ir-responsabilità tal-membri tal-publiku versu membri oħra tal-publiku għal danni u offiżi kaġunati minn aċċidenti, u li jitnisslu u huma l-konsegwenza ta' l-arti jew professjoni li bniedem ikun qiegħed isegwi, hija l-lum normalment assunta mill-assikuraturi.*

*Imma l-polza ta' l-assikurazzjoni hija kuntratt bejn il-partijiet, u tindika ċ-ċirkustanzi li fihom l-indennità hija konċessa jew mogħtija.*

*L-assikurat, għalkemm protett mill-assikurazzjoni, għandu joqgħod attent ħafna, u ma għandux ikun volontarjament u avviżatament traskurat.*

*Sakemm l-assikurat ma jkunx ġie mfittex mid-dannegġjat, jew ma jkunx ġie ritenut responsabili għad-danni, il-kumpannija assikuratriċi ma għandhiex rapport dirett mad-dannegġjat; b'dan illi, jekk imbagħad l-assikurat ikun ritenut responsabili għad-danni, u l-kumpannija assikuratriċi ma tkunx trid tħallas, huwa allura jkollu dik l-azzjoni diretta kontra l-kumpannija assikuratriċi.*

*Huwa minnu li skond il-ġurisprudenza tagħna, is-sid ta' karrozza tal-mutur qatt ma ġie ritenut responsabili għad-danni kaġunati mid-driver jekk ma tiġix provata fih "culpa in eligendo"; iżda llum, li l-assikurazzjoni għal "third party risks" saret obligatorja, daħlet obligazzjoni ġdida meta l-liġi tgħid li ħadd ma jista' juża karrozza, jew iġiegħel jew jippermetti lil persuni oħrajn jużaw karrozza, jekk ma jkunx hemm, relativament għad-driver, polza ta' l-assikurazzjoni għat-"third party risks".*

*Imma meta l-persuna dannegġjata setgħet tkun taf li d-driver li kkaġunalha l-ħsara ma kienx kopert b'dik il-polza assikuratriċi, ma jistax jaġixxi direttament kontra l-kumpannija ta' l-assikurazzjoni; imma huwa dmir tiegħu li l-ewwel ifittex lill-assikurat, salvo li dan imbagħad jgħajjat, jekk irid, il-kumpannija assikuratriċi li għandu l-kuntratt magħha.*

*Lanqas ma jista' jissewwa dan id-difett bir-rimedju tal-kjamata ta' l-assikurat fil-kawża; il-għaliex la d-dannegġjat kien jaf minn qabel li l-kuntratt ta' l-assikurazzjoni kien bejn il-kumpannija assikuratriċi u sid il-karrozza, huwa kien imissu fittex lil sid il-karrozza mill-ewwel; billi skond l-aħjar ġurisprudenza tagħna mhux leċitu li ssir is-sejħa fil-kawża ta' persuna li kellha u setgħet tiġi msejħa mill-bidu.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru 1948, minn fejn jidher li huma mniżżlin it-talbiet u l-eċċezzjonijiet konvenuti, u fejn ġie deċiż li l-konvenut Emmanuele Cremona nomine ma kellux dritt jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjoni, l-għaliex ħtija tiegħu naqas milli jippreżentaha fit-terminu li kienet tagħtih il-liġi, bl-ispejjeż ta' l-inċident kontra l-istess Cremona nomine;

---

(*) Konfermata fl-Appell, 24. 10. 1949.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru 1948, minn fejn jidher li ġie nominat perit tekniku sabiex ifittex u jara x'responsabilità seta' kellu u għandu l-konvenut fil-kolliżjoni imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, u f'każ affermativ jillikwida d-danni, kif ukoll sabiex igħid jekk il-kumpannija, li baqgħet kontumaċi, hix jew le responsabili għall-pagament ta' dawk id-danni in forza taċ-ċertifikat ta' l-assikurazzjoni għad-danni kaġunati lit-"third party", maħruġ minn dik l-istess kumpannija fuq il-karrozza in kwistjoni in relazzjoni għar-rapporti li kien hemm u li jistgħu jirriżultaw;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jidher li fis-17 ta' Jannar 1948, għal ħabta tas-1.30 p.m., il-konvenut Gatt.............. investa u korra lill-attur..............; illi jingħad, wara li ġew relatati l-fattijiet, li dawn iċ-ċirkustanzi "di fatto" imposti mill-mument kienu jimponu fid-driver diliġenza oltre dik ordinarja, u ċjoè kienu jirrikjedu li min qiegħed isuq li jmexxi l-karrozza bil-pass ta' bniedem, b'mod li f'każ ta' emerġenza jkun jista' jwaqqaf fil-pront..............;

Tikkunsidra;

Illi la darba l-konvenut Gatt huwa ħati tat-tigrif li sofra l-attur, huwa għandu jirrispondi għad-danni;

Tikkunsidra;

Illi d-danni reklamati huma ta' dupliċi natura, u ċjoè d-danni emerġenti u dawk li jidħlu taħt il-lukru ċessanti;

Illi dwar id-danni emerġenti, jirriżulta li l-attur, mis-17 ta' Jannar 1948 (il-ġurnata li korra) sat-8 ta' Marzu 1948, kien miżmum l-Isptar Ċentrali..............;

Illi taħt il-kap tal-lukri li tilef, daħħal ġustament il-perijodu li huwa ma setax imur għax-xogħol.............;

Illi kwindi t-talba ta' £95. 6. 1.............. hija ġustifikata għad-danni totali;

Tikkunsidra;

Illi wara li ntqal dana, dina l-Qorti, non ostanti l-kontumaċja tal-konvenut Cremona nomine, u billi l-kontumaċja hija kontestazzjoni finta, għandha d-dritt tara jekk it-talba hijiex jew le ġustifikata fil-konfronti ta' dan l-aħħar konvenut imsemmi;

Illi sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha hemm bżonn li jingħad li l-"United British Insurance Company Limited" kienet ħarġet f'isem Joseph Mizzi u "any person, provided he is in the insured's employ, and is driving on his order or with his permission", lill-karrozza in kwistjoni, polizza nru. 900022 għal "Third Party Risks", u dana għall-perijodu ta' sena mill-4 ta' Awissu 1947 sat-3 ta' Awissu 1948, u dana għall-iskop tal-"hire service for carrying passengers for hire or reward". Jirriżulta wkoll li l-imsemmi Joseph Mizzi ma żammx il-karozza fil-kategorija tal-"hire service", imma ik-konvertiha u daħħalha fil-klassi tal-cars "private" bit-targa sewda u numri bojod. Fl-aħħarnett jirriżulta li huwa (Mizzi) taha lill-konvenut Gatt, li kellu liċenza tas-sewqan, l-għaliex dan l-aħħar talabhielu biex imur il-ground jara l-partita tal-football; kif ukoll jirriżulta li l-istess Gatt ma huwiex impjegat ma' l-imsemmi Mizzi, għalkemm ġie li qdieh. Jirriżulta kwindi li Gatt dak in-nhar ħadha bla obligu tal-ħlas, imma ma rriżultax li meta ġie li mar jaqdi lil Mizzi b'dik il-karrozza kienx jagħmlu bi pjaċir jew bi ħlas. Dak li huwa aċċertat huwa li Gatt kien ħabib ħafna ta' Mizzi;

Tikkunsidra;

Illi l-perit legali, fuq u in forza tas-sezzjoni 10 ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939, li tirrigwarda provvedimenti kontra r-riski ta' terzi persuni li jkun hemm mill-użu ta' vejikoli bil-mutur, li saret obligatorja, ġie għall-konklużjoni li l-kumpannija assikuratriċi għandha tħallas fil-każ in eżami. Argument ieħor li l-perit legali ġieb 'il quddiem, u li huwa ta' indoli prattika, huwa illi, kieku l-assikuratur kien jista' jevadi l-"claims" minħabba nuqqas ta' l-assikurat — li huma numeruži u varjanti — l-assikurazzjoni tat-"third party" kienet tkun, fil-ħsieb tiegħu, irriżorja u problematika;

Tikkunsidra;

Illi r-responsabilità ("liability") tal-membri tal-publiku versu membri oħra ta' l-istess publiku għad-danni u offiżi kawżati minn aċċidenti, li jitnisslu u huma l-konsegwenza ta' l-arti jew professjoni li bniedem ikun qiegħed isegwi, hija l-lum normalment assunta mill-assikuraturi. Huwa ta' min jinnota li s-suġġett ta' dak li jissejjaħ "Public Liability Insurance" huwa r-responsabilità ta' l-assikurat fir-relazzjoni

tax-xogħol tiegħu, mhux bħala ċittadin ordinarju u in ġenere, l-għaliex f'dina l-kwalità l-"liability" tiegħu hija aktar estiża. Infatti, il-polizza ussikuratriċi tindika ċar l-indikazzjonijiet taċ-ċirkustanzi li taħthom l-indennità hija konċessa jew mogħtija skond il-kuntratt ta' l-assikurazzjoni, jew per mezz ta' l-użu ta' espressjonijiet, kliem u klawsoli, li jiċċirkoskrivu fil-fatt iċ-ċirkustanzi, bħal meta jingħad "waqt li fil-fatt l-assikurat ikun qiegħed imexxi x-xogħol tiegħu", jew xi restrizzjonijiet ta' l-istess ġeneru;

Minn dan jidher li originarjament l-assikurazzjoni kienet limitata għal dik l-ispeċi partikulari ta' "third party risk", kif ġeneralment ġiet imsejħa; imma l-iżviluppi ġjornalieri biż-żmien ġiebu magħhom, skond ma jitolbu l-applikanti għall-assikurazzjoni, numru akbar ta' riski li jistgħu jiġu koperti b'polizza ta' assikurazzjoni għall-fini fuq espress. M'hemmx bżonn jingħad, dawn l-assikurazzjonijiet jeskludu responsabilitajiet li jitnisslu minn kuntratt; f'liema każi tibqa' timpera l-liġi komuni skond l-istatut u li hija bażata fuq id-dottrina bażilari tan-negliġenza, mentri fl-assikurazzjoni in diskussjoni l-assikurat, per mezz ta' l-assikurazzjoni "de quo dicimus", ikun indennifikat kontra riżultati fil-każ ta' aċċidenti, tan-negliġenza tiegħu u ta' dawk li jkunu impjegati miegħu ("his servants") in relazzjoni għall-kondotta tagħhom konnessa max-xogħlijiet li għalihom ikunu impjegati, jew ta' ċerti attijiet konnessi ma' dak il-"business". Il-fatt ta' l-estensjoni kbira ta' dawn id-danni mnissiin min-negliġenza, u l-klawsoli prekawzjonali tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni, juru biċċar li l-assikurat irid mill-parti tiegħu joqgħod attent ħafna, u ma jistax ikun volontarjament u srriskjatament traskurat l-għaliex huwa jinsab protett bl-assikurazzjoni;

Illi minn dana jitnissel ċar li la l-kuntratt ta' l-assikurazzjoni huwa konvenzjoni bejn il-kumpannija assikuratriċi u l-assikurat skond it-termini tal-polizza u l-"proposal form", li huwa ta' importanza, m'hemmx bżonn jingħad, kardinali, u sakemm l-istess assikurat ma jkunx ġie mfittex, jew ma jkunx ġie ritenut responsabili, il-kumpannija assikuratriċi ma għandha l-ebda rapport mad-danneġġjat, b'dana li jekk imbagħad l-assikurat ikun ritenut responsabili skond il-liġi, u l-kumpannija assikuratriċi ma tkunx trid tħallas l-offiżi, ikollu az-

zjoni diretta kontra l-kumpannija assikuratrići kif ingħad, u salv dak li jingħad fis-sezzjoni 10 ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939, li hija in sostanza kopja tas-sezzjoni 10 tar-"Road Traffic Act 1930" ta' l-Ingilterra, u li minnu jidher li l-leġislatur ma rrendiex il-polizza assolutament indisputabili, għalkemm mhux possibili li tiġi ripudjata r-responsabilità fuq il-bażi ta' "minor technicality" meta jkun hemm "claim" ta' "third party" in konnessjoni ma' offiżi personali (ara Motor Insurance by A.A.M. Batten & W.A. Divisdale, Stone & Cox Limited 1933, page 84 Second Edition). Jingħad ukoll li s-sezzjoni 3 ta' l-Ordinanza tagħna hija kopja tas-sezzjoni 35 tar-"Road Traffic Act 1930" Ingliż, u fuq dik is-sezzjoni ġie deċiż li l-proprjetarju ta' karrozza li jikser obligu statutorju huwa responsabili fir-rispetti ta' "third party risks" daqs min jikkaġuna direttament id-danni (ara Menk vs. Warbly 1934, u Mc. Leod vs. Buchanan 1940, ċitati fl-opra fuq imsemmija paġina 65);

Huwa minnu li skond il-ġurisprudenza tagħna l-proprjetarju ta' karrozza tal-mutur qatt ma ġie ritenut responsabili tad-danni kaġunat minn driver, jekk ma tiġix pruvata fih "culpa in eligendo", u dwar din l-aħħar "culpa" s-sentenzi jsemmu biss in-nuqqas ta' kapaċità fid-driver; iżda l-lum, fejn l-assikurazzjoni ta' "third party risks" saret obligatorja, daħlet, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, obligazzjoni ġdida meta l-liġi tgħid li ħadd ma jista' juża karrozza tal-mutur fuq it-triq, jew iġiegħel jew jippermetti lil persuni oħra jużaw "motor vehicle, unless there is in force in relation to the user of the vehicle by the person using it" dik il-polizza assikuratriċi fir-rispett ta' "third party risks" skond ma trid il-liġi;

Illi l-konvenut Gatt ċertament, skond il-"proposal form" u l-polizza, ma kienx kopert b'dik il-polizza, u għalhekk kien dmir l-attur, li seta' kien jaf b'dana, li jfittex l-ewwel lill-assikurat, salvo li dan jgħajjat, jekk jidhirlu, l-assikurazzjoni li huwa kellu kuntratt magħha;

Illi kwindi fl-assenza ta' l-assikurat fil-kawża, id-domanda kontra l-assikurazzjoni hija intempestiva;

Illi l-attur talab il-kjamata in kawża ta' Joseph Mizzi......;

Illi skond ma xehed l-istess attur il-lum, huwa kien jaf minn qabel il-kawża illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni kien bejn

Joseph Mizzi u l-kumpannija ċitata, b'mod li huwa kien jaf min kien l-assikurat minn qabel ma għamel il-kawża; u skond l-aħjar ġurisprudenza tagħna mhux ieċitu li ssir is-sejħa fil-kawża ta' persuna li keilha u setgħet miil-bidu tiġi kjamata; u għalhekk dik it-talba għandha tiġi miċħuda; u b'dan il-mod jiġi finalment provvdut u dispost ir-rikors fuq imsemmi:

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi l-ewweinett issib lill-konvenut Gatt ħati tal-kolliżjoni, u tikkundannah iħallas is-somma ta' £95. 6. 1 bħala danni; u t-tieni nett teħles lill-konvenut Cremona nomine. peress illi d-domanda kontra tiegħu. se maj, hija intempestiva; bir-riżerva favur l-attur kontra Joseph Mizzi u l-istess kumpannija assikuratriċi konvenuta, "si et quatenus" skond il-liġi;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut Gatt, barra minn dawk deċiżi u minn dawk tal-ħelsien tal-konvenut Cremona nomine, li għandhom jibqgħu bla taxxa bejn l-attur u Cremona nomine; mentri r-rikors tal-kjamata ta' Joseph Mizzi u terz mill-perizja għandhom jibqgħu għall-attur.